MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2008

Numru 214/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Camilleri)**

**Vs**

**Massimo Zerafa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijet li permezz taghhom Massimo Zerafa ta' 54 sena bin George u Maria Dolores nee' Pullicino, imwieled Qormi fl-1 ta' Marzu 1948 u joqghod 'Baccar' Triq il-Blanzuni, Attard, detentur tal-Karta tal-Identita Nru.258648M).

Billi huwa akkuzat talli fis-27 ta’ Novembru 2001 ghal habta ta’ xi 10.30 am. gewwa l-Marsa:-

a) b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fil-gisem jew fis-sahha ta’ William Christie mill-Imsida u Carmel Deguara mir-Rabat, Malta. skond kif iccertifika Dr. Michael Spiteri M.D. ta’ l-Isptar San Luqa u dan bi ksur tal-artikolu 226 (1) (a) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta;
b) u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Joseph Salerno mill-Pieta u fuq il-persuna ta’ Joseph Debattista mill-Marsa skond kif iccertifikat t-tabiba Mary Rose Cassar tal-isptar San Luqa u dan bi ksur tal-artikolu 221 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta;
c) u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Carmel Camilleri mill-Marsa skond kif iccertifika t-tabib Michael Spiteri tal-isptar San Luqa u dan bi ksur tal-artikolu 221 (1) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tapplika wkoll l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. AG u li jinsab a fol. 4 tal-Process u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Fl-ewwel lok tirrileva li din il-kawza kienet precedentement qeghda tinstema’ mill-Magistrat illum Magistrat Irtirat Dr. Joseph Cassar LL.D. u li din il-kawza giet assenjata fis-sena 2007 quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 226 (1) (a), 221 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Massimo Zerafa, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-imputat Massimo Zerafa ghall-piena komplessiva ta' elfejn, tlett mija u disa' u ghoxrin Euro u seba' u tletin centezmi ta' Euro (Euro 2329.37) multa.

Inoltre, il-Qorti, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat Massimo Zerafa sabiex minnufih ihallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' hames mija u wiehed u tletin Euro u sebghin centezmi ta' Euro (Euro 531.70) rappresentanti spejjes inkorsi dwar din il-kawza rigward il-hatra ta' esperti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------